

Brussell, 6 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2019/0125(NLE)**

9901/19
ADD 2

AVIATION 116
RELEX 579
USA 39

PROPOSTA

| | |
|-------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 5 ta' Ġunju 2019 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2019) 256 final - ANNEX 2 |
| Suġġett: | ANNEX tal-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim fir-Rigward tal-Limitazzjonijiet ta' Żmien fuq l-Arranġamenti għall-Forniment ta' Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 256 final - ANNEX 2.

Mehmuż: COM(2019) 256 final - ANNEX 2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.6.2019
COM(2019) 256 final

ANNEX 2

ANNEX

tal-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim fir-Rigward tal-Limitazzjonijiet ta' Żmien fuq l-Arranġamenti għall-Forniment ta' Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja

Memorandum ta' Konsultazzjonijiet

1. Fit-8 ta' Marzu 2019, id-delegazzjonijiet tal-Istati Uniti (U.S.), tal-Unjoni Ewropea (UE), tal-Iżlanda u tan-Norveġja laħqu ftehim, *ad referendum*, dwar it-test ta' ftehim fir-rigward tal-limitazzjonijiet ta' żmien fuq l-arranġamenti għall-kiri ta' inġenji tal-ajru bl-ekwipaġġ (il-“Ftehim”, mehmuż bħala l-Anness A), li beħsiebhom jippreżentawh quddiem l-awtoritajiet rispettivi tagħhom għall-approvazzjoni. Lista tal-membri tad-delegazzjonijiet hija mehmuż bħala l-Anness B.
2. Id-delegazzjoni tal-Istati Uniti u d-delegazzjoni tal-UE esprimew l-opinjoni tagħhom li dawk li abbozzaw il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, li ġie ffirmat fil-25 u fit-30 ta' April 2007, kif emendat mill-Protokoll li Jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, li ġie ffirmat fl-24 ta' Ġunju 2010 (“ATA bejn l-Istati Uniti u l-UE”), kellhom l-għan li jippromwovu l-flessibbiltà fl-arranġamenti operattivi bejn il-linji tal-ajru skont l-Artikolu 10(9). Id-delegazzjoni tal-Istati Uniti, id-delegazzjoni tal-UE, id-delegazzjoni tal-Iżlanda u d-delegazzjoni tan-Norveġja esprimew ukoll l-opinjoni tagħhom li dawk li abbozzaw il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerika, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja (“ATA bejn Erba' Partijiet”), li japplika d-dispożizzjonijiet tal-ATA bejn l-Istati Uniti u l-UE għall-Iżlanda u n-Norveġja, kellhom l-għan li jippromwovu l-flessibbiltà korrispondenti.
3. Id-delegazzjoni tal-Istati Uniti esprimiet it-tħassib tagħha li l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 ixxejjel l-eżerċitar tad-drittijiet kummerċjali għal-linji tal-ajru tal-Istati Uniti fil-qafas tal-ATA bejn l-Istati Uniti u l-UE, inkluż kif applikat mill-ATA bejn Erba' Partijiet, u li ilha mill-2014 taħdem permezz tal-Kumitat Konġunt biex tiżgura li l-linji tal-ajru li jixtiequ jgawdu s-swieq tal-kiri kummerċjali kif previst fl-Artikolu 10(9) ikunu jistgħu jagħmlu dan. Id-delegazzjoni tal-Istati Uniti fakkret l-isforzi

sinifikanti li saru min-naħa tad-Dipartiment tat-Trasport (DOT) tal-Istati Uniti biex jinħolqu opportunitajiet ġodda tas-suq għall-kiri ta' inġenji tal-ajru bl-ekwipaġġ, li wasslu għall-avviż ta' gwida riveduta fi Frar 2008, kif ippubblikat fil-Volum 73, Numru 41 tar-Reġistru Federali. Id-delegazzjoni tal-Istati Uniti sostniet ukoll li d-deċiżjoni tagħha li tinvolvi ruħha fin-negożjati u fl-abbozzar tal-Ftehim u li tissottometti t-test tal-Ftehim għall-approvazzjoni kienu mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tagħha dwar ir-Regolament imsemmi hawn fuq.

4. B'rispons għal dan, id-delegazzjoni tal-UE, id-delegazzjoni tal-Iżlanda u d-delegazzjoni Norveġja sostnew li ma kkondividewx it-tħassib tad-delegazzjoni tal-Istati Uniti fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008, u li jqisu li l-impożizzjoni min-naħa tal-Istati Uniti tal-limitazzjonijiet ta' żmien fuq it-tħaddim tal-kirjiet bl-ekwipaġġ bejn il-linji tal-ajru Ewropej kif definit fl-Artikolu 1(1) tal-Ftehim ixxekkel l-eżerċitar tad-drittijiet kummerċjali għal-linji tal-ajru Ewropej taħt l-ATA bejn l-Istati Uniti u l-UE, inkluż kif applikat mill-ATA bejn Erba' Partijiet. Dawk id-delegazzjonijiet sostnew ukoll li d-deċiżjoni tagħhom li jinvolvu ruħhom fin-negożjati u fl-abbozzar tal-Ftehim u li jissottomettu t-test tal-Ftehim għall-approvazzjoni kienu mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tagħhom fir-rigward tar-Regolament imsemmi hawn fuq u l-prattika tal-Istati Uniti.
5. B'mod partikolari fid-dawl tar-relazzjoni komprensiva tal-avjazzjoni bejn il-Partijiet għall-Ftehim, id-delegazzjoni tal-UE, id-delegazzjoni tan-Norveġja u d-delegazzjoni tal-Iżlanda enfasizzaw il-pożizzjoni tagħhom li dan il-Ftehim ma jikkostitwix preċedent għan-negożjar ta' ftehim ekwivalenti bejn l-UE, l-Iżlanda, jew in-Norveġja, u kwalunkwe pajjiż ieħor.
6. B'rispons għal mistoqsija mid-delegazzjoni tal-Istati Uniti fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 u dan il-Ftehim mill-Iżlanda u n-Norveġja, id-delegazzjoni tal-Iżlanda u d-delegazzjoni tan-Norveġja kkonfermaw li r-Regolament (KE) Nru 1008/2008 huwa applikat mill-Iżlanda u min-Norveġja bl-inkorporazzjoni ta' dak ir-Regolament fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim taż-ŻEE"). Barra

minn hekk, id-delegazzjoni tal-Iżlanda u d-delegazzjoni tan-Norveġja nnotaw li l-Ftehim se jikkostitwixxi ftehim skont id-dritt internazzjonali pubbliku, li jkun vinkolanti fuq l-Iżlanda u n-Norveġja.

7. Id-delegazzjoni tal-UE nnotat li skont id-dritt tal-Unjoni, u b' mod partikolari l-Artikolu 216(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"), il-Ftehim, li se jiffirma parti mid-dritt tal-Unjoni, se jkun vinkolanti fuq l-Istati Membri, għalkemm dawn mhumiex partijiet għall-Ftehim bħala kwistjoni ta' dritt internazzjonali; b'konsegwenza ta' dan, l-Istati Membri mhumiex se jitħallew, permezz tad-dritt tal-Unjoni, jaġixxu bi ksur tal-Ftehim, bħal bl-impożizzjoni ta' limitazzjonijiet ta' żmien fuq il-kirjiet bl-ekwipaġġ li ma jkunux kompatibbli mal-Ftehim.
8. Id-delegazzjoni tal-UE nnotat ukoll li l-UE għandha kompetenza esklussiva, bl-esklużjoni tal-Istati Membri, biex tikkonkludi l-Ftehim, skont l-Artikolu 3(2) tat-TFUE.
9. F' din ir-rabta, id-delegazzjoni tal-UE nnotat li jekk Stat Membru jaġixxi bi ksur tal-Ftehim, bħal bl-impożizzjoni ta' limitazzjonijiet ta' żmien fuq il-kirjiet bl-ekwipaġġ li ma jkunux konsistenti mal-Ftehim, u b'hekk, peress li l-Ftehim jiffirma parti mid-dritt tal-Unjoni, ma jissodisfax obbligu taħt id-dritt tal-Unjoni, skont it-TFUE l-Kummissjoni Ewropea hija l-istituzzjoni tal-UE responsabbli biex tinforza d-dritt tal-Unjoni u tista' tressaq azzjoni kontra l-Istat Membru quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 258 tat-TFUE. Id-delegazzjoni tal-UE nnotat ukoll li jekk Stat Membru jaġixxi bi ksur tal-Ftehim, skont il-Ftehim l-UE hija responsabbli għal tali att u tkun soġġetta għall-proċeduri msemmija fl-Artikoli 3 u 5.
10. F' dan il-kuntest, u b'rispons għal mistoqsija mid-delegazzjoni tal-Istati Uniti, id-delegazzjoni tal-UE kkonfermat li skont id-dritt tal-Unjoni u b' mod partikolari skont il-Ftehim taż-ŻEE, il-Kummissjoni Ewropea ma għandhiex is-setgħat biex tiżgura l-applikazzjoni tal-Ftehim mill-Iżlanda u min-Norveġja. Ksur possibbli tal-Ftehim mill-Iżlanda jew min-Norveġja jkun

soġġett għall-proċeduri msemmija fl-Artikoli 3 u 5. Id-delegazzjoni tal-Iżlanda u d-delegazzjoni tan-Norveġja kkonfermaw dawn id-dikjarazzjonijiet.

11. Id-delegazzjoni tal-Istati Uniti nnotat li l-Ftehim għandu jiġi applikat b'mod proviżorju mill-Istati Uniti skont l-Artikolu 7(2) tiegħu.

12. B'rispons għal mistoqsija mid-delegazzjoni tal-Istati Uniti dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim u l-kapaċità tal-UE biex tiżgura tali applikazzjoni mill-Istati Membri, id-delegazzjoni tal-UE nnotat, l-ewwel nett, li skont l-Artikolu 218(5) tat-TFUE, il-Kunsill tal-UE, fuq proposta mill-Kummissjoni Ewropea, għandu jadotta deċiżjoni li tawtorizza l-iffirmar tal-Ftehim kif ukoll, skont l-Artikolu 7(2) tiegħu, l-applikazzjoni proviżorja tiegħu, u li tali deċiżjoni, skont l-Artikolu 288 tat-TFUE, hija vinkolanti fl-intier tagħha. Hija nnotat ukoll li, skont l-Artikolu 216(2) tat-TFUE, il-Ftehim, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar l-applikazzjoni proviżorja fl-Artikolu 7(2) tiegħu, se jkunu vinkolanti fuq l-Istati Membri bħala kwistjoni tad-dritt tal-Unjoni, u semmiet il-proċedura prevista fl-Artikolu 258 tat-TFUE biex tiġi żgurata l-konformità min-naħa tal-Istati Membri fir-rigward tal-obbligi tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni.

13. B'rispons għal mistoqsija mid-delegazzjoni tal-Istati Uniti dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, id-delegazzjoni tal-Iżlanda u d-delegazzjoni tan-Norveġja kkonfermaw li l-Ftehim se jiġi applikat b'mod proviżorju mid-data tal-iffirmar tiegħu skont l-Artikolu 7(2) tiegħu.

14. B'rispons għal mistoqsija mid-delegazzjoni tal-UE, id-delegazzjoni tal-Istati Uniti pprovdiet informazzjoni dwar ir-reġim tal-Istati Uniti għal-liċenzjar tal-kiri bl-ekwipaġġ fit-tul. Il-linji tal-ajru li japplikaw għal tali awtorità huma mitluba jikkonformaw mar-rekwiżiti speċifikati fil-Parti 212 tat-Titolu 14 tal-Kodiċi tar-Regolamenti Federali tal-Istati Uniti (14 C.F.R Parti 212). Dawn ir-regolamenti jiddefinixxu l-kiri bl-ekwipaġġ fit-tul bħala

tali kirjiet li jew a) idumu aktar minn 60 jum, jew b) jagħmlu parti minn serje ta' tali kirjiet li jammontaw għal ftehim kontinwu li jdum aktar minn 60 jum. Id-delegazzjoni tal-Istati Uniti nnotat li d-DOT joħroġ rendikonti bankarji għas-servizzi tal-kiri bl-ekwipaġġ jekk ikunu ġew issodisfati r-rekwiżiti kollha, u jiddetermina li l-awtorizzazzjoni tkun fl-interess pubbliku. Il-kundizzjonijiet tal-interess pubbliku huma speċifikati fl-14 CFR 212.11(b) u huma diskussi fil-Gwida Regolatorja li nħarġet fl-15 ta' Frar 2008 (73 Regjistru Federali 10986). F'din ir-rabta, id-delegazzjoni tal-Istati Uniti kkonfermat id-dikjarazzjonijiet fir-rigward tal-applikazzjoni tal-analiżi tal-interess pubbliku li saret fil-paragrafi 27, 28, 29, u 31 tal-Memorandum ta' Konsultazzjonijiet tal-2007 li jakkumpanja l-ATA bejn l-Istati Uniti u l-UE.

15. Id-delegazzjoni tal-Istati Uniti nnotat li, bħala kwistjoni ta' Prattika Stabbilita fit-tul, id-DOT japprova b'mod konsistenti l-applikazzjonijiet għal arranġamenti tal-kiri bl-ekwipaġġ li jittressqu mit-trasportaturi tal-ajru tal-UE, l-Iżlanda u n-Norveġja. Id-delegazzjonijiet kollha esprimew l-aspettattiva tagħhom li din il-prattika tkompli b'mod konsistenti mal-Ftehim u mal-ATA bejn l-Istati Uniti u l-UE, kif applikata mill-ATA bejn Erba' Partijiet.

16. Id-delegazzjonijiet innotaw li l-Kumitat Konġunt imsemmi fl-Artikolu 18 tal-ATA bejn l-Istati Uniti u l-UE għandu mandat biex jirrieżamina l-implimentazzjoni tal-ATA bejn l-Istati Uniti u l-UE, inkluż kif applikat mill-ATA bejn Erba' Partijiet, u huwa magħmul minn partijiet għall-ATA bejn Erba' Partijiet, li jinkludu dawk li mhumiex partijiet għal dan il-Ftehim. Madankollu, minħabba li l-Partijiet kollha għal dan il-Ftehim huma membri tal-Kumitat Konġunt, u minħabba li l-Istati Membri tal-UE huma marbuta mill-Ftehim skont id-dritt tal-Unjoni għalkemm mhumiex partijiet għall-Ftehim, id-delegazzjonijiet esprimew l-aspettattiva tagħhom li kwalunkwe konsultazzjoni skont l-Artikolu 3 tal-Ftehim, jew rieżami skont l-Artikolu 4, isiru b'rabta ma' laqgħat regolari jew speċjali tal-Kumitat Konġunt imsemmi fl-Artikolu 18(1) tal-ATA bejn l-Istati Uniti u l-UE. Fil-każ ta' kwalunkwe

tali konsultazzjoni, id-delegazzjonijiet esprimew it-tama li n-natura tal-forum tgħin lill-Partijiet għall-Ftehim jaslu għal riżoluzzjoni.

17. Id-delegazzjonijiet innotaw ukoll li l-Ftehim ma jaffettwax il-mandat tal-Kumitat Konġunt biex jindirizza kwistjonijiet relatati mal-arranġamenti tal-kiri bl-ekwipaġġ skont l-Artikolu 10(9) tal-ATA bejn l-Istati Uniti u l-UE, inkluż kif applikat mill-ATA bejn Erba' Partijiet.
18. Id-delegazzjoni tal-Istati Uniti u d-delegazzjoni tal-UE rrikonoxxew ir-reġim lingwistiku tal-UE. F'dak ir-rigward, id-delegazzjoni tal-UE fakkret li, skont id-dritt tal-Unjoni, l-UE hija obbligata li tfassal il-Ftehim bil-lingwi li għejjin: il-Bulgaru, il-Kroat, iċ-Ċek, id-Daniż, in-Netherlandiż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungeriż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol u l-Iżvediż. Id-delegazzjoni tal-UE sostniet il-pożizzjoni tagħha li dawn il-verżjonijiet lingwistiċi addizzjonali għandhom jiġu awtentikati bl-applikazzjoni tal-proċedura prevista fid-Dikjarazzjoni Konġunta (mehmuża bħala l-Anness C), bil-verżjonijiet awtentikati jkollhom l-istess valur. Id-delegazzjonijiet tal-Iżlanda u tan-Norveġja sostnew il-pożizzjoni tagħhom li l-verżjonijiet bil-Iżlandiż u bin-Norveġiż għandhom jiġu awtentikati bil-istess mod. Id-delegazzjoni tal-Istati Uniti ħadet nota tal-pożizzjoni tad-delegazzjonijiet tal-UE, tal-Iżlanda u tan-Norveġja u, filwaqt li nnotat li l-Ftehim ma jirrikjedix l-awtentikazzjoni tal-verżjonijiet lingwistiċi addizzjonali, ikkonfermat l-impenn tagħha li taħdem b'mod kostruttiv mad-delegazzjonijiet tal-UE, tal-Iżlanda u tan-Norveġja biex tindirizza t-talbiet għall-awtentikazzjoni tal-verżjonijiet lingwistiċi addizzjonali tal-Ftehim permezz tal-proċedura prevista fid-Dikjarazzjoni Konġunta.

Għad-Delegazzjoni tal-
Istati Uniti tal-Amerika:

Terri L. Robl

Għad-Delegazzjoni tal-
Unjoni Ewropea:

Carlos Bermejo Acosta

Għad-Delegazzjoni tar-
Iżlanda:

Una Særún Jóhannsdóttir

Għad-Delegazzjoni tal-
Renju tan-Norveġja:

Øyvind Thorstein Ek